



PARLAMENT EWROPEW

2009 - 2014

*Dokument ta' sessjoni*

**A7-0225/2013**

19.6.2013

**\*\*\*II**

## **RAKKOMANDEZZJONI GĦAT-TIENI QARI**

dwar il-pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari bil-ħsieb tal-adozzjoni ta' Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar investigazzjonijiet immexxija mill-Uffiċċju Ewropew ta' Kontra l-Frodi (OLAF) u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 1073/1999 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u r-Regolament tal-Kunsill (Euratom) Nru 1074/1999 (17427/1/2012 – C7-0051/2013– 2006/0084(COD))

Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit

Rapporteur: Ingeborg Gräßle

***Tifsira tas-simboli użati***

- \* Proċedura ta' konsultazzjoni
- \*\*\* Proċedura ta' approvazzjoni
- \*\*\*I Proċedura leġiżlattiva ordinarja (l-ewwel qari)
- \*\*\*II Proċedura legiżlattiva ordinarja (it-tieni qari)
- \*\*\*III Proċedura legiżlattiva ordinarja (it-tielet qari)

(It-tip ta' proċedura jiddependi mill-bażi legali proposta mill-abbozz ta' att.)

***Emendi għal abbozz ta' att***

Fl-emendi li jsiru mill-Parlament, it-test emendat huwa indikat b'tipa ***grassa u korsiva***. Test *korsiv normal* huwa indikazzjoni għas-servizzi tekniċi li turi partijiet tal-abbozz ta' att li għalihom qed tkun proposta korrezzjoni bl-iskop li tgħin fil-preparazzjoni tat-test finali (pereżempju, żbalji ovvjji jew nuqqasijiet f' verżjoni lingwistika partikolari). Il-korrezzjonijiet proposti huma soġġetti għall-qbil tas-servizzi tekniċi involuti.

L-intestatura ta' kwalunkwe emenda għal att eżistenti, li l-abbozz ta' att ikollu l-ħsieb li jemenda, ikun fiha t-tielet u r-raba' linji li jidentifikaw rispettivament l-att eżistenti u d-dispożizzjoni kkonċernata f'dak l-att. Il-partijiet li jittieħdu kif inhuma minn dispożizzjoni eżistenti li l-Parlament jixtieq jemenda, imma li l-abbozz ta' att ma jkunx emenda, huma indikati b'tipa ***grassa***. It-tħassir eventwali li jikkonċerna dawn il-partijiet jiġi indikat kif ġej: [...].

## WERREJ

### Paġna

ABBOZZ TA' RIŻOLUZZJONI LEĠIŻLATTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW.....	5
ANNESSE GĦAR-RIŻOLUZZJONI LEĠIŻLATTIVA .....	6
NOTA SPJEGATTIVA .....	7
PROCĊEDURA .....	10



## ABBOZZ TA' RIŻOLUZZJONI LEĠIŻLATTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW

**dwar il-pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari bil-ħsieb tal-adozzjoni ta' Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar investigazzjonijiet immexxija mill-Uffiċċju Ewropew ta' Kontra l-Frodi (OLAF) u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 1073/1999 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u r-Regolament tal-Kunsill (Euratom) Nru 1074/1999 (17427/1/2012 – C7-0051/2013 – 2006/0084(COD))**

**(Proċedura leġiżlattiva ordinarja: it-tieni qari)**

*Il-Parlament Ewropew,*

- wara li kkunsidra l-pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari (17427/1/2012 –C7-0051/2013),
  - wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Qorti tal-Awdituri tat-12 ta' Lulju 2011<sup>1</sup>
  - wara li kkunsidra l-pożizzjoni tiegħu fl-ewwel qari<sup>2</sup> dwar il-proposta tal-Kummissjoni lill-Parlament u lill-Kunsill (COM(2006)0244),
  - wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni emendata (COM (2011)0135),
  - wara li kkunsidra l-Artikolu 294(7) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,
  - wara li kkunsidra r-Regola 72 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
  - wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni għat-tieni qari tal-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit (A7-0225/2013),
1. Japprova l-pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari;
  2. Japprova d-dikjarazzjoni konġunta tal-Parlament, il-Kunsill u l-Kummissjoni annessa ma' din ir-riżoluzzjoni;
  3. Jieħu nota tad-dikjarazzjonijiet tal-Kummissjoni annessi ma' din ir-riżoluzzjoni;
  4. Jinnota li l-att ġie adottat skont il-pożizzjoni tal-Kunsill;
  5. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jiffirma l-att flimkien mal-President tal-Kunsill, skont l-Artikolu 297(1) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea;
  6. Jagħti istruzzjonijiet lis-Segretarju-Ġenerali tiegħu sabiex jiffirma l-att, wara li jkun ġie verifikat li l-proċeduri kollha jkunu saru kif dovut, u, bi qbil mas-Segretarju Ġenerali tal-Kunsill, jipubblikah fil-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea;
  7. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi l-pożizzjoni tiegħu lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u l-Parlamenti nazzjonali.

---

<sup>1</sup> ĠU C 254, 30.8.2011, p. 1.

<sup>2</sup> ĠU C 16 E, 22.1.2010, p. 201.

## **ANNES GĦAR-RIŻOLUZZJONI LEĠIŻLATTIVA**

### **Dikjarazzjoni tal-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni**

"Kull darba li l-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni jaħtru membri ġodda tal-tal-Kumitat Superviżorju ġdid għandhom jinnominaw wkoll lil dawn il-membri biex jieħdu kariga fis-sostituzzjoni parzjali li jmiss."

### **Dikjarazzjoni mill-Kummissjoni**

"Il-Kummissjoni tikkonferma li l-Uffiċċju ddikjara li se jaġixxi dejjem f'konformità mal-Protokoll Nru 7 dwar il-Privileġġi u l-Immunitajiet tal-Unjoni Ewropea u l-Istatut għall-Membri tal-Parlament Ewropew, u jirrispetta bis-sħiħ il-libertà u l-indipendenza tal-Membri kif previst fl-Artikolu 2 tal-Istatut."

### **Dikjarazzjoni mill-Kummissjoni**

**"Il-Kummissjoni beħsiebha żżomm is-setgħat attwali tad-Direttur Ġenerali tal-Uffiċċju Ewropew Kontra l-Frodi biex jiġu stabbiliti t-termini u l-arranġamenti dettaljati għar-reklutaġġ fl-Uffiċċju, b'mod partikolari fir-rigward tat-tul tal-kuntratti u t-tiġdid tagħhom."**

## NOTA SPJEGATTIVA

Objettiv tal-proposta tal-Kummissjoni

1. Il-proposta emendata tal-Kummissjoni li temenda r-Regolament (KE) 1073/1999 dwar investigazzjonijiet immexxija mill-Uffiċċju Ewropew Kontra l-Frodi tiffoka fuq it-tiżiħ tad-drittijiet proċedurali tal-persuni kkonċernati fl-investigazzjonijiet tal-OLAF u fuq it-titjib fl-effiċjenza tal-investigazzjonijiet tal-OLAF, kif ukoll fuq it-titjib fil-kooperazzjoni mas-sħab tiegħu (istituzzjonijiet u korpi tal-UE, l-Istati Membri, organizzazzjonijiet internazzjonali). Il-proposta timmira wkoll li tikkjarifika l-irwol tal-Kumitat Superviżorju tal-OLAF u tistabilixxi skambju ta' fehmiet mal-istituzzjonijiet fil-livell politiku sabiex jiġu diskussi l-prijoritajiet politiċi ta' OLAF'

Kummenti addizzjonali dwar avvenimenti riċenti relatati mal-attivitajiet investigattivi ta' OLAF

*Ir-rapporteur,*

2. Tesprimi l-apprezzament tagħha għall-kooperazzjoni kostruttiva bejn il-Kunsill, il-Kummissjoni u l-Parlament fit-tnejn tar-riforma ta' OLAF;
3. Tenfasizza li wara l-konklużjoni b'suċċess tal-laqgħat tat-trijalogu, informazzjoni għida saret evidenti;
4. Tinnota li safrattant il-Kumitat Superviżorju ta' OLAF (OLAF-SC) għandu dubji dwar jekk id-dritt ta' superviżjoni tiegħu ġie rispettata u jekk id-drittijiet tal-persuni taħt investigazzjoni amministrattiva ġewx ippreservati;
5. Tiddeplora l-fatt li l-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit ma ngħatax aċċess għar-rapport ta' OLAF-SC abbozzat skont l-Artikolu 11 tar-regolament OLAF, li ntbagħat lill-Parlament, lill-Kunsill u lill-Kummissjoni fid-29 ta' Jannar 2013 u li preżumibbilment jikkummenta dwar il-proċeduri investigattivi ta' OLAF;
6. Titlob lill-President tiegħu jagħti aċċess għal dan ir-rapport lill-membri tal-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit, fil-forma xierqa, mingħajr dewmien;
7. Tiġbed l-attenzjoni għad-dikjarazzjoni pubblika li saret minn Herbert Bösch, Membru tal-OLAF-SC, matul il-laqgħa tal-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit fid-19 ta' Marzu 2013, fejn wissa kontra ksur tad-drittijiet fundamentali matul investigazzjonijiet amministrattivi tal-OLAF u fejn talab lill-Membri jikkonsultaw ir-rapport ippreżentat minn OLAF-SC lill-Parlament, lill-Kunsill u lill-Kummissjoni fid-29 ta' Jannar 2013<sup>1</sup>
8. Tilqa' l-pubblikazzjoni, fit-22 ta' April 2013, tar-Rapport ta' Attività Annwali ta' OLAF-SC għall-2012;
9. Tiġbed l-attenzjoni għal-laqgħa tal-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit tat-23 ta' April 2013, li matulha dan ir-rapport ġie ppreżentat minn OLAF -SC lill-membri tal-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit, fil-preżenza tad-Direttur-Ġenerali ta' OLAF;

---

<sup>1</sup> <http://www.europarl.europa.eu/ep-live/en/committees/video?event=20130319-0900-COMMITTEE-CONT>

10. Tfakkar it-tħassib espress mill-membri ta' OLAF-SC f'din il-laqgħa fir-rigward tal-ħidma investigattiva ta' OLAF, li ġew ukoll imfissra fil-qosor fl-Anness 3 tar-Rapport ta' Attività Annwali ta' OLAF-SC għall-2012, billi tirreferi, fost affarijiet oħra:
  - a. għall-miżuri investigattivi li OLAF huwa intitolat li jwettaq;
  - b. għar-rispett tal-garanziji proċedurali u għad-drittijiet fundamentali kif ukoll għar-rwol ta' OLAF-SC f'dan ir-rigward;
  - c. għall-kontroll tal-legalità tal-investigazzjonijiet ta' OLAF u r-rispett għad-dritt nazzjonali tal-Istati Membri;
  - d. għall-parteċipazzjoni diretta tad-Direttorat-Ġenerali ta' OLAF fl-attivitajiet investigattivi;
11. Bi ħsiebha tassigura ruħha li r-regolament rieżaminat ta' OLAF jinkludi l-proċeduri amministrattivi u l-mekkaniżmi ta' salvagwardja kollha meħtieġa għall-ħarsien tar-rwol ta' OLAF-SC u tad-drittijiet tal-individwi taħt investigazzjoni amministrattiva;
12. Jistieden lill-Kunsill u lill-Kummissjoni jikkooperaw mal-Parlament sabiex jiġi żgurat l-aħjar riżultat possibbli, għar-riforma tal-OLAF;

#### Informazzjoni ta' sfond

13. Fl-4 ta' Lulju 2006, il-Kummissjoni ressqet lill-Parlament u lill-Kunsill il-proposta tagħha għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1073/1999 dwar investigazzjonijiet li saru mill-Uffiċċju Ewropew Kontra l-Frodi (OLAF)<sup>1</sup>
14. Fl-20 ta' Novembru 2008, il-Parlament Ewropew adotta l-pożizzjoni tiegħu fl-ewwel qari u r-riżoluzzjoni leġiżlattiva li jakkumpanjaha<sup>2</sup>
15. Fis-6 ta' Lulju 2010, il-Kummissjoni ħarġet dokument ta' riflessjoni dwar ir-riforma ta' OLAF<sup>3</sup> bil-għan li jiġu identifikati punti konverġenti u diverġenti fil-fehmiet espressi mill-Parlament Ewropew u mill-Kunsill dwar il-proposta inizjali tal-Kummissjoni, u biex jintlaħaq kunsens dwar il-kwistjonijiet prinċipali involuti;
16. Bħala riżultat tad-diskussjonijiet intensivi fi ħdan il-Grupp ta' Ħidma dwar il-Ġlieda Kontra l-Frodi, il-Kunsill ressaq, fis-6 ta' Diċembru 2010, konklużjonijiet dwar il-karta ta' riflessjoni tal-Kummissjoni<sup>4</sup>;
17. Wara dan il-proċess ta' riflessjoni, il-Kummissjoni ressqet proposta emendata għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1073/1999 dwar investigazzjonijiet li saru mill-Uffiċċju Ewropew Kontra l-Frodi (OLAF) u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (Euratom) Nru 1074/1999

---

<sup>1</sup> COM(2006)0244.

<sup>2</sup> ĠU C 16 E, 22.1.2010, p. 201.

<sup>3</sup> SEC(2010)0859.

<sup>4</sup> Dokument 16833/10.



fit-18 ta' Marzu 2011<sup>1</sup>

18. Il-Parlament Ewropew stabbilixxa il-mandat ta' negozjar tiegħu fuq il-proposta emendata tal-Kummissjoni billi afferma mill-ġdid il-pożizzjoni tiegħu fl-ewwel qari fuq il-proposta inizjali tal-Kummissjoni;
19. Opinijiet tressqu mill-Qorti tal-Awdituri Ewropea fit-12 ta' Lulju 2011<sup>2</sup> u mis-Superviżur tal-Protezzjoni tad-Data fl-1 ta' Ġunju 2011<sup>3</sup>;
20. Skont il-paragrafi 16 sa 18 tad-Dikjarazzjoni Konġunta dwar Arranġamenti Prattiċi għall-Proċedura Kodeċizzjonali<sup>4</sup> il-Presidenza tal-Kunsill, li topera taħt mandat mill-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti<sup>5</sup> innegozjat mal-Parlament Ewropew, fil-kuntest ta' diskussjonijiet tripartitiċi informali li seħħew minn Ottubru 2011 sa Ġunju 2012, bil-ħsieb li jintlaħaq ftehim fl-istadju tal-ewwel qari tal-Kunsill;
21. Il-laqgħat tat-trijalogu ġew konklużi b'suċċess fit-8 ta' Ġunju 2012;
22. Fil-25 ta' Lulju 2012, il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti approva t-test ta' kompromess miftiehem fl-aħħar trijalogu informali tat-8 ta' Ġunju 2012; dan il-ftehim ġie kkonfermat mill-Kumitat tal-Parlament Ewropew għall-Kontroll tal-Baġit (CONT) fit-8 ta' Ottubru 2012, u bħala segwitu il-President tiegħu baġhat ittra lill-President tal-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti fejn ikkonferma li, fil-każ li l-Kunsill jadotta it-test, kien se jirrakkomanda lill-Plenarja taċċetta l-pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari mingħajr emendi;
23. Sussegwentement, matul il-laqgħa tiegħu tal-4 ta' Diċembru 2012, il-Kunsill ikkonferma l-ftehim politiku dwar it-test miftiehem kif stipulat fid-dokument 16546/12 u 12735/12 ADD1;
24. Il-Kunsill adotta l-proposta tal-Kummissjoni kif emendata fil-25 ta' Frar 2013 flimkien ma' żewġ dikjarazzjonijiet tal-Kummissjoni u dikjarazzjoni konġunta mill-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni;
25. Il-Kummissjoni aċċettat l-emendi għall-proposta tagħha fil-komunikazzjoni tagħha lill-Parlament Ewropew tat-8 ta' Marzu 2013<sup>6</sup>;
26. L-eżitu tal-ewwel qari tal-Kunsill tħabbar lil CONT matul il-laqgħa tiegħu tad-18/19 ta' Marzu 2013.

---

<sup>1</sup> COM(2011)0135.

<sup>2</sup> ĠU C 254, 30.8.2011, p. 1.

<sup>3</sup> ĠU C 279, 23.9.2011, p. 11.

<sup>4</sup> ĠU C 145, 30.6.2007, p. 5.

<sup>5</sup> Dokument 12140/11 ADD1.

<sup>6</sup> COM(2013)0140.

## PROCĊEDURA

<b>Titolu</b>	Emenda tar-Regolament (KE) Nru 1073/1999 dwar investigazzjonijiet immexxija mill-Uffiċċju Ewropew ta' Kontra l-Frodi (OLAF)
<b>Referenzi</b>	17427/1/2012 – C7-0051/2013 – 2006/0084(COD)
<b>Data tal-1 qari tal-PE - Numru P</b>	20.11.2008                      T6-0553/2008
<b>Proposta tal-Kummissjoni</b>	COM(2006)0244 - C6-0228/2006
<b>Proposta emendata tal-Kummissjoni</b>	COM(2011)0135
<b>Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja ta' meta l-Parlament irċieva l-pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari</b>	14.3.2013
<b>Kumitat responsabbli</b> Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja	CONT 14.3.2013
<b>Rapporteur(s)</b> Data tal-ħatra	Ingeborg Gräßle 27.3.2007
<b>Data tal-adozzjoni</b>	18.6.2013
<b>Riżultat tal-votazzjoni finali</b>	+:                      16 -:                      0 0:                      0
<b>Membri preżenti għall-votazzjoni finali</b>	Marta Andreasen, Jean-Pierre Audy, Zigmantas Balčytis, Zuzana Brzobohatá, Martin Ehrenhauser, Ingeborg Gräßle, Jan Mulder, Petri Sarvamaa, Bart Staes, Michael Theurer
<b>Sostitut(i) preżenti għall-votazzjoni finali</b>	Cornelis de Jong, Esther de Lange, Karin Kadenbach, Ivailo Kalfin
<b>Sostitut(i) (skont l-Artikolu 187(2)) preżenti għall-votazzjoni finali</b>	Vasilica Viorica Dăncilă, Verónica Lope Fontagné, Janusz Władysław Zemke
<b>Data tat-tressiq</b>	19.6.2013